# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kawza tal-VAT
Il-Pulizija

Vs

Warren Kiomall

Illum, 21 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra **Warren Kiomall** (I.D. 183284M) imwieled fil-4/4/1984 gewwa Malta residenti 8, Fl. 7, Triq il-Balliju, Guttenberg, Msida, Malta, bl-indirizz tan-negozju KIO - Food and Drinks, 2 Triq il-Kbira, Sliema, Malta akkuzat talli bhala persuna rregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni b' sorpiza li sehhet fil-**25 ta' Novembru, 2022** gewwa **KIO Food & Drinks, Triq il-Kbira, Sliema, Malta,** irrizulta li int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, offrejt li tipprovdi servizz u/jew prodott lill-persuna ohra u/jew esponejt ghall-bejgh oggetti waqt li kont sprovvist minn *cash register* fiskali u / jew kotba tar-ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju ta-Taxxi u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il-Skeda tal-Att

tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u ( e),  81 u 82 tal-istess Att.

Semghet ix-xhieda ta'  Emanuel Darmanin u ta' Chris Saliba ghall-prosekuzzjoni fis-seduta tal-22 ta' Novembru, 2023; semghet ix-xhieda tal-intimat fis-seduta tal-22 ta' Novembru, 2023;

Rat li l-Proskuzzjoni  u d-difiza ghalqu l-provi taghhom rispettivament fis-seduta tal-22 ta' Novembru, 2023;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il-Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u ( e),  81 u 82 tal-istess Att.

Rat id-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha.

Ikkunsidrat,

<u>Provi tal-Prosekuzzjoni</u>

Il-prosekuzzjoni ezebiet sett ta' dokumenti konsistenti f' ittra datata 7 ta' Lulju, 2023 mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat; estratt mir-records mizmuma mid-Dipartiment tal-VAT fuq Warren Kiomall (sole proprietor registrat minn 15/05/2017).

**Emanuel Darmanin**, VAT Inspector, xehed fis-seduta tal-22 ta' Novembru, 2023.  Fil-25 ta' Novembru 2022 kienu f' Main Street, Sliema. Fl-istabiliment Kio Food and Drinks raw bejgh ta` 5.70 u ircevuta fiskali ma hargitx, imbghad kellmu lil  kellimna lil Warren Kiomall (I.D. 183284M) , u hareg l-ircevuta fuq insistenza taghhom. jixhed

> "Avu:   Iva u x`irrizultalek minn dik l-ircevuta jekk jogghbok?
>
> Xhud: Hu li ma harigx ir-receipt issa ir-receipt resit issa mbagħad innutajna li l-exemption number ma printjhax fuqha."

Meta saret l-ispezzjoni mieghu kien hemm Chris Saliba.

In kontro-ezami mistoqsi jekk ihux konsapevoli tal-fatt illi kien hemm kienet saret applikazzjoni ghall dan l-EX O number, jirrispondi li ma dahalx fiha ghax l-aktar punt li insistew fuqu kien  li ma ħariġx fiscal receipt.

Jixhed li lil imputat kienu staqsewh ghal karta tal-identita' tieghu. Kien hemm lavrant ukoll presenti imma huma kellmu lil propjetarju.

**Chris Saliba**, stazzjonat customer care tal-Malta Tax Administration Customs xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2023. Mistoqsi kien kien involut fil-kaz in ezami jirrispondi:-

"Xhud: Mela dan konna inspection tas-Sliema Triq il-Kbira dhalna KIO food and drinks mhux dhalna waqqafna customer barra tlabnieh il-fiscal receipt u ma kellux insomma umbaghad u dħalna fl-istabbiliment. Tkellimna mal-owner Mr. Warren Kiomal l-id card 183284 u ħarġilna r-receipt ta` 5.70c.

Avu: Iva x'ġara minn hemmhekk jekk jogħġbok,

Qorti: X`ha tghidli fuq DOK B?

Xhud: Mela din hija l-ircevuta u innutajna ukoll li din l-ircevuta li dan il-VAT number għandu exemption number u ma kienx jidher fuq l-ircevuta li suppost ikun stampat hawnhekk.

Avu: Ghidli x`hemm fuq dik l-ircevuta jekk jogghbok?

Xhud: Din hija ta 5.70 li tlabna ahna li ma inaghtax il-klijent datata 25th November 2022."

Jixhed li hu tkellem ma Mr. warren Kiomal li huwa owner id card 183284M. Ma jaghrfux fl-awla.  Meta mistoqsi In kontro-ezami jirrispondi li hu tkellem ma min sab wara l-cash u talbuh n-numru ta' identifikazzjoni. In-numru tal-karta tal-identita' tahulhom hu. Jikkonferma li kif jirrizulta mir-rapport taghhom stess (Dok C ezebit) kellmu ukoll lil Valeria Signiorello li kienet impjegata fuq il-post. Staqsewha ghal owner imma ma jiftakarx jekk kellmuhx prezenti jew fuq it-telephone.

<u>Provi Difiza</u>

**Warren Kiomall,** l- imputat xehed fis-seduta tal-22 ta' Novembru 2023. Jixhed li x-xhieda li xehdu llum ghal prosekuzzjoni qatt ma ltaqa' maghhom.

Fil-25 ta' Novembru 2022 kien il- Furjana l-ufficcju fuq il-post tax-xoghol tieghu, fl-insurance. Dak in-nhar matul il-gurnara ma kienx ġol-post Kio food and drinks Triq il-Kbira Sliema.

Jikkonferma li huwa propjetarju tal-fond.

"Qorti: Dak il-mument kont taf li m`ghandekx XO number?

Xhud: Le ghax jiena kont applikajt,

Qorti: Eee kont applikajt allura kont taf li ma tafx jekk għandekx exo number?

Xhud: Dak il-hin le.

Qorti: X`jiġifieri dak il-ħin ma kellekx?

Xhud: Ma kontx naf li ma kellhiex. Ignorance of the law it`s not an excuse and I will step here."

Jixhed li ma ma giex infurmau li ma hargitx ircevuta. Jikkonferma li Valeria Signiorello kienet impjegata mieghu.

Ikkunsidrat

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

F' dan il-kaz in-numru tal-VAT jippartjeni lil imputat, li huwa registrat bhala *sole proprietor* mad-Dipartiment tal-VAT. (ara Dok A ezebit mill-avukat tad-Dipartiment tal-VAT fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023). Fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Novembru, 2022 l-imputat jikkonferma li huwa l-propjetarju tal-istabilment u li Valeria Signiorello kienet impjegata tieghu. Fil-kaz tal-imputat japplika l-artikolu 82 (2) tal-Att. Nru. XXIII tal-1998

Ikkunsidrat

Fuq il-mertu ta' jekk kienx hemm jew le exemption number ma tellghux provi fuqha u l-istess rapprezentat tad-dipartiment fix-xhieda tieghu jixdhu li ma dahlux f' dan il-mertu u qed jibbazaw il-kawza fuq l-allegat nuqqas ta' hrug ta' ircevuta.

Fuq il-mertu dwar jekk inhargitx ircevuta o meno, il-Qorti tosserva li x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma kontradittorji. Fil-waqt li Emanuel Darmanin jixhed li raw bejgh ta' Eur 5.70 u rcevuta fiskali ma nhargitx, ix-xhud l-iehor Chris Saliba jixhed li waqqfu persuna (mhux identitifikata) barra l-istabilment u talbuh ircevuta.

Kontradizzjoni ohra hija li filwaqt li Emanuel Darmanin jixhed li kellmu lil imputat u hareg l-ircevuta fuq l-insistenza taghhom, ix-xhud l-iehor, Chris Saliba, biddel il-verzjoni tul ix-xhieda tieghu fejn l-ewwel xehed li kellmu lil imputat u hareg ircevuta u meta mistoqsi in kontro-ezami jixhed li tkellmu ma min kien wara l-cash register, skont hu lil certa Valeria Signorella – li la xehedet u l-anqas ghanhom id-dettalji tal-identita' taghha – u li ma jiftakarx jekk kellimx lil imputat personalment jew jekk fuq it-telephone. Mill-banda l-ohra l-imputat Warren Kiomall fix-xhieda tieghu jichad kategorikament li kien fl-istabiliment u jghid li dak in-nhar kien fuq il-post tax-xoghol tieghu gewwa l-Floriana. Jichad li hu gie infurmat li ma nhargitx ircevuta.

Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet qed tikkunsidra li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz taghha 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il-Skeda tal-Att tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 51 u 77(o) u ( e),  81 u 82 tal-istess Att., Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Warren Kiomall** mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**